# KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


# MINUTI

## Laqgħa Tal-Lokalita Mal-Pubbliku

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa tal-Lokalita Numru 02

Data tal-laqgħa: it-Tnejn 06 ta' Diċembru 2021

Din il-laqgħa saret fis-Sala Villa Lia fi Triq il-Kbira, Ħal Lija fis-6.00 ta' filgħaxija.

### MEMBRI TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Daniel Mallia – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra - Kunsillier

### UFFIĊJAL TAL-KUNSILL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 2.1 Introduzzjoni mis-Sindku

2.1.1 Is-Sindku spjega kif din il-laqgħa qed tinżamm skond kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali fejn dan l-att jgħid li f'Diċembru trid issir laqgħa mal-pubbliku biex jiġu ppreżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2022. Huwa qal li qabel ma l-kunsill jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2022, l-kunsill ser jisma l-bżonnijiet tar-residenti biex kulħadd ikollu sehmu u dawn il-bżonnijiet l-kunsill jkun jista jaħseb għalihom fl-estimi.

2.1.2 Is-Sur Dalli spjega kif din il-laqgħa ser tkun maqsuma fi żewġ taqsimiet. Fl-ewwel parti tal-laqgħa huwa ser jagħti deskrizzjoni żgħira tal-estimi finanzjarji li qed jipprepara l-kunsill għas-sena 2022, abbażi tal-allokazzjoni ntitolata lil kunsill. Fit-tieni parti tal-laqgħa huwa qal li ser ikun qed jisma s-suġġerimenti tar-residenti nkonnesjoni ma' dawn l-estimi u anke qal li ser jagħti ċans lir-residenti jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u jwieġeb għalihom.

## 2.2 Qari tal-Minuti ta' l-aħħar laqgħa tal-Lokalita'

2.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-Minuti tal-laħħar laqgħa tal-Lokalita li saret fi April.

## 2.3 Estimi Finanzjarji 2022

2.3.1 Is-Sindku nforma lir-residenti preżenti kif l-allokazzjoni mgħottija lil kunsill mill-Gvern Lokali għas-sena 2022 għadha ma waslitx. Huwa spjega kif apparti minn din l-allokazzjoni mgħottija mill-Gvern lokali, il-kunsill anke jkollu dħul ieħor minn benefiċċjarji oħra bħal minn permessi, byelaws, skemi maħruġa minn diversi Ministeri jew entitatjiet u kif ukoll mir-Reġjun Ċentru. Is-Sur Dalli qak kif dan l-aħħar ir-Reġjun Ċentru nfatti qed jagħti ħafna għajnuna lil kunsill lokali b'diversi ħruġ ta' fondi u skemi fosthom għal tiżjien tal-Milied, għajnuna finanzjarja lil għaqdiet tar-raħal, xiri ta' equipment bżonnjuż bħal defibrilator, tibdil ta' fanali etc.

2.3.2 Is-Sindku tkellem fejn qal li l-kunsill qed jevalwa l-bżonnijiet kollha li għandha bżonn il-lokalita, flimkien mal-infiq li l-kunsill għandhu fosthom l-amministrazzjoni, salarji, servizzi ta' kuntratturi u spejjeż oħrajn li dawn kollha jridu jkunu nklużi fl-estimi finanzjarji għas-sena 2022. Is-Sindku kompla jgħid kif il-kunsill għandu budget tajjeb u kemm jista jkun qed jiprova jibbenifika minn kull skema li tiġi offrutha.

## 2.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

2.4.1 <u>Apprezzament lejn l-impenn ul-ħidma tal-kunsill</u>
Resident wera apprezzament kbir lejn ix-xogħol tal-kunsill u l-għajnuna kontinwa li qed jagħti lil diversi għaqdiet, fosthom lil Kappillan. Dan ir-resident apprezza ukoll l-fatt li l-kunsill qed iżejjen it-toroq tar-raħal għall-Milied li qajjem amosfera sabiħa mmens. Ir-Resident żied jgħid kif huwa japrezza wkoll li l-kunsill dejjem għandu ħsieb ta' kif jista jnaqqas it-traffiku mit-toroq, b'mod speċjali minn Triq Annibale Preca u hawnhekk issuġġerrixxa li apparti li jitnaqqas it-traffiku, fi Triq Annibale Preca tista ssir sleeping policeman oħra flimkien ma' culvert tal-ilma biex it-triq ma teriqx.

2.4.2 Is-Sindku rringrazzja lir-resident u ħa nota tas-suġġerimenti li huwa għamel fuq Triq Annibale Preca.

2.4.3 <u>Mistoqsija fuq Triq il-Mosta</u>
Resident irrimarka li t-Traffic lights li hemm fi Triq il-Mosta, ma jaħdmux u staqsa għalfejn.

2.4.4 Is-Sindku wieġeb kif dik mhux triq li jieħu ħsieb il-kunsill u l-kunsill diġa għamel ir-rapport minn naħa tiegħu dwar dan. Il-Kunsill qed jassumi li dawn alissa ġew disconnected peress li Triq il-Mosta qed tingħata wiċċ ġdid minn IM.

2.4.5 <u>Suġġeriment dwar Triq Fernand Grech</u>
Resident issuġerrixxa biex Triq Fernand Grech tiġi one way għaliex żewġ karozzi m'għadhomx jgħaddu komdi minn din it-Triq f'daqqa.

2.4.6 Is-Sindku spjega kif dan is-suġġeriment diġa sar mal-kunsill mingħand xi residenti oħra. Huwa kompla jgħid kif jaqbel li t-triq m'għadhix ta' two-way bil-parking mal-ġnub, pero meta triq issir one-way din tista ma tolqotx lil kulħadd l-istess u jinħoloq ħafna nkwiet jekk ma tkunx ippjanatha sew. Il-Kunsill kellu ħsieb biex din it-triq jagħmilha one-way, toħroġ l-barra lejn Vjal it-Trasfigurazzjoni pero għadt hemm ħafna dubji fuq din l-implementazzjoni u l-kunsill kemm il-darba japprova din l-implementazzjoni, jrid anke jaħseb dwar kif ser jbiegħ dan is-suġġeriment u jikkonvinċi lil TM.

2.4.7 <u>Statwa ta' San Pawl</u>

Resident tkellem dwar l-istatwa ta' San Pawl li hemm fi Triq Sir Ugo Mifsud u staqsa jekk il-kunsill għadt għandux pjanijiet li jsir restawr fuq din l-istatwa biex terġa tinxtgħel, kif kienet żmien ilu fil-passat.

2.4.8 Is-Sindku wieġeb kif sfortunatament meta applika, l-kunsill ma ġiex mgħotti fondi biex din l-istatwa tiġi rrestawratha. Minkejja dan il-kunsill xorta prova imqarr li din l-istatwa tinxtgħel, pero l-kuntrattur tad-dawl tal-kunsill ma setax jsib il-cable biex jixgħel l-istatwa u prova minn kollox. Is-Sur Dalli anke żied jgħid kif din l-istatwa hija fil-verita responsabbilta tal-knisja u sfortunatament ma jistax il-kunsill jibqa jiġġilied hu biex isir restawr fuq statwi u postijiet li ma jaqawx taħt ir-responsabbilta tiegħu. Il-Kunsill japrezza li kiku jsib aktar appoġġ u interess, f'dan il-każ mill-Knisja, u biex il-Knisja wkoll tiġġilied flimkien mal-kunsill u jiġu akkwisti ċertu fondi li tista tibbenfika minnhom u kif ukoll igawdi il-lokal kollu.

2.4.9 <u>Suġġeriment dwar parkeġġi addizzjoni fi Triq Merino</u>

Resident qal kif fi Triq Merino faċilment hemm fejn isiru żewġ parking bays oħra. Huwa spjega kif kurrenti ma hemmx linji u tajjeb li għalhekk jiġu mplementati l-kaxxi biex jekk jfettillu jitla gwardjan ma jingħatax ċitazzjonjiet għalxejn.

2.4.10 Is-Sindku wieġeb kif dwar dan huwa ser iżur is-sit, biex jara u jikkonferma.

2.4.11 <u>Vann tal-elettriku tal-kunsill</u>

Resident wera apprezzament lejn il-kunsill tal-inizjattiva li qed jieħu biex fir-raħal jingħata servizz ta' trasport b'xejn lil anzjani u dawk kollha fil-bżonn biex jagħmlu l-qadi mediku tagħhom.

2.4.12 Is-Sindku rringrazzja lil dan ir-resident tal-kummenti tiegħu u bi dispjċair spjega kif pero minkejja li l-kunsill ħareġ it-tender għal dan il-vann, ma kien hemm ħadd li tefa l-offerta tiegħu u għalhekk il-kunsill issa ser jerġa jkollu joħroġ din is-sejħa għal darb oħra. Is-Sur Dalli spjega kif l-kunsill qed jikkunsidra ukoll li, kemm il-darba offerti jibqgħu ma jingħatawx lil kunsill, għandhom jibdew taħdidiet mal-Aġenzija LESA biex jingħata kunsens li l-vann flokk eletriku jinxtara petrol. Is-Sindku qal kif l-kunsill qed jiprova jixtrih ta' l-elettriku jew hybrid biex aktar ikun favur l-ambjent, pero jekk l-ebda kumpanija ma titfa l-offerta tagħha l-kunsill ma jistax ma jżommx mal-wegħdiet li huwa għamel mar-residenti u lanqas jista jkun li r-raħal jibqa mingħajr dan it-trasport u għalhekk ser jiġi rikjest lil LESA biex il-vann jinxtara petrol.

2.4.13 <u>Mistoqsija dwar l-uffiċini l-ġodda tal-kunsill</u>

Resident staqsa lis-Sindku jekk l-kunsill ħasibx għal binja ġdida oħra amministrattiva u minn fejn ser jibda jopera diment li l-kuntratt eżistenti li għandu l-kunsill ta' bini għal kiri mhux ser jerġa jiġedded.

2.4.14 Is-Sindku wieġeb kif il-kunsill sab post ieħor fi Triq il-Mitħna u alissa ser jkompli jopera minn hemm u sar kuntratt ta' ħames snin mas-sid li jista jerġa jiġedded għal ħames snin oħra. Is-Sur Dalli spjega l-proċedura kollha li ħa nkunsiderazzjoni tagħha l-kunsill biex wasal s'hawn. Is-Sindku kompla jgħid kif issa l-kunsill qed jagħmel mezz li xorta jara jekk il-gvern għadtx xi darba fil-futur, ikollu xi propjeta fir-raħal li mgħandux użu għaliha u li jista jtiha lil kunsill biex jopera minnha.

2.4.15 <u>Suġġeriment dwar it-Traffiku fir-raħal</u>

Resident qal kif il-kunsill għandu jkompli jipjana u jaħdem biex inaqqas it-traffiku mir-raħal kif qed jagħmel.

2.4.16 Is-Sur Dalli wieġeb kif l-għan huwa li tinstab soluzzjoni ta' kif il-foreign traffic jaqta qalbu milli jgħaddi minn ġor-raħal u l-kunsill qed jiprova jsib soluzzjoni fejn jista jagħmel one-ways fir-raħal li jgħinu b'dan, bħal one-way li daqt tiġi implementatha f'parti minn Triq Carmelo Farrugia kantuniera ma' Triq Annibale Preca. Il-Kunsill alissa qed jagħmel studju dwar il-volum ta' traffiku li jgħaddi mir-raħal u saru counts fi Triq Annibale Preca u Triq Sant Andrija. Issa la jispiċċaw ix-xogħolijiet ta' manutenzzjoni fi Triq il-Kbira u Triq Carmelo Farrugia l-kunsill ser jagħmel aktar counts biex b'hekk ikun jista jiddetermina x'inhi l-aħjar soluzzjoni li tista tiġi addottatha biex jitnaqqas il-foreign traffic mir-raħal.

2.4.17 <u>Suġġeriment dwar patching fi Triq Preziosi Sqaq Nru 2</u>

Resident staqsa x'inhi l-proċedura biex isir patching tat-toroq u huwa għadha suġġerriment u talba biex fi Triq Preziosi Sqaq nru 2 hemm żewġ toqob viċin u quddiem ir-residenza tiegħu hemm bżonn jiħu patched għax meta tagħmel ix-xita minħabba fihom qed jidħollu l-ilma fid-dar. Riċenti l-kunsill għamel patching f'din it-triq pero din il-parti tat-triq ma saritx.

2.4.18 Is-sindku wieġeb kif il-kunsill m'għadhux inkarigat li jagħmel it-toroq għax dawk marru taħt ir-responsabbilta ta' IM, pero minor patching u toqob żgħar isiru mill-kunsill bil-hot asphalting. Huwa qal lil dan ir-resident kif il-parti tat-triq li qed jirreferi għalija daqt issir ukoll bil-hot asphalt. Il-Kunsill diġa kkunsidra li ssir bil-hot asphalt din il-parti tat-triq. Is-Sindku xtaq li din il-parti saret bil-concrete imprint, pero meta sar il-proġett ta' concrete imprint f'parti minn Triq Preziosi Sqaq 2, fondi biżejjed ma kienx hemm allokati biex issir it-triq kollha.

2.4.19 <u>Tneħħija ta' double yellow lines fi Triq Preziosi Sqaq nru 2</u>

Resident fakkar lil kunsill biex jiġu friskati biż-żebgħa sewda, double yellow lines li kienu saru bi żball mill-kunsill preċedenti fi Triq Preziosi Sqaq nru 2 quddiem il-garaxx tiegħu. Dawn id-double yellow lines inkixfu u r-resident qed jaqla ċ-ċitazzjonijiet meta ssa jipparkja quddiem il-garaxx tiegħu stess, li m'għandux ikun il-każ.

2.4.20 Is-Sindku wieġeb lil dan ir-resident kif huwa ser iżżur is-sit personalment, qabel jerġgħu jsiru biż-żebgħa sewda.

2.4.21 <u>Permessi fi Triq Preziosi Sqaq nru 2</u>

Resident issuġġerrixxa biex meta jingħataw permessi ta' xogħlijiet fi Triq Preziosi Sqaq nru 2, il-kuntratturi jiġu nfurmati biex ma jkomplux jagħlqu aktar it-triq bil-karozzi privati tagħhom għax huwa biżejjed li t-triq diġa tkun ostakulatha bl-inġenji tax-xogħol.

2.4.22 Il-Kunsill ħa nota u ser joqgħod aktar attent tal-kuntratturi li ma jonorawx il-permessi mgħottija biex issiru xogħlijiet bl-inġenji fir-raħal.

2.4.23 <u>Parkeġġ fi Triq id-Dejqa</u>

Resident issuġġerrixxa jekk il-kunsill jistax jagħmel xi ħaġa dwar il-mod ta' kif jipparkjaw il-karozzi fi Triq id-Dejqa. Ir-resident spjega kif karozzi jipparkjaw viċin wisq tal-bibien tan-nies peress li anke m'hemmx bankini u l-entraturi tad-djar tan-nies ta' spiss qed jkunu ostakulati.

2.4.24 Is-Sindku ħa nota ta' din l-informazzjoni u ser jara mal-kunsill jekk jistax isir xi ħapa.

## Tmiem

Is-Sindku rringrazzja lil kunsilliera u lil kull min kien preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sur Dalli u l-Kunsilliera preżenti awguraw il-Milied it-tajjeb u sena ġdida lir-residenti kollha ta' Ħal Lija.

Il-laqgħa ntemmet fi 7:00PM.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |